MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 362/2013

Il-Pulizija
(Spettur Jason Francis Sultana)
vs
**Emily Calleja,**
bint Gerald Giudice , imwieleda fit-23 ta' Dicembru, 1960, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 52461(M).

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellanta Emily Calleja, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-7 ta' Settembru, 2012, ghal habta ta' 11.45 Hrs. waqt li kienet gewwa l-hanut bl-isem ta' 'Bonello Mini Market' li jinsab gewwa Triq San Gorg, Gzira, ikkommettiet serq ta' oggetti li l-valur totali taghhom ma jaqbizx l-ghoxrin Euro (€20);

Talli saret recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Lulju, 2013 fejn wara li rat l-Artikolu 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, sabitha hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u ikkundannatha ghall-piena ta' prigunerija ta' xahrejn.

Rat ir-rikors tal-appellanta Emily Calleja pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2013 fejn talbet li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma is-sentenza fuq imsemmija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-16 ta Lulju 2013 fl-ismijiet premessi u dan billi tigi konfermata fil-parti fejn ir-rikorrenti giet misjub hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u billi tigi mibdula fil-parti fejn giet moghtija il-piena u dan billi tigi applikata piena li hija aktar xierqa u gusta ghal kaz taghha.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-
Illi jikkonsisti fil-fatt li l-piena ta' xaghrejn prigunerija applikata mill-ewwel Qorti hija harxa wisq meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-aspett socjali tal-kaz.
Illi r-rikorrenti ammettiet l-imputazzjoni dedotti kontra taghha.
Illi r-rikorrenti ghaddejja minn hafna inkwiet familjari. Hija u zewgha ghandhom loan mal-bank u iridu jhallsu €1100 fix-xahar bhala ripagament. Tista' tghid l-introjtu kollu ta' zewgha imur biex tithallas din il-loan. Il-familja kienet tghix b'dak li kienet taqla ir- rikorrenti li kienet tahdem man-nies bhala seftura. Izda hija qabditha artrite serja f'darha u ma seghetx tkompli tahdem u ghalhekk il-familja giet propriju minghajr l-ebda income sabiex tghix. F'dawn ic-cirkostanzi lanqas biss tista' tircievi ghajnuna mill-Gvern bhal beneficcju socjali. Hafna drabi l-familja kienet tispicca minghajr ma ghandha x'tiekol. Di piu', bintha tinsab f'gwaj kbir ghaliex in-negozju ta' zewgha falla u lil bintha kienu se jaqtawlha d-dawl u l-ilma. Il-ftit flus li kellha tghathom lil bintha sabiex ma jinqatghax id-dawl u l-ilma. Hija ghalhekk sfat ruhha ssikata hafna u kellha tirrikorri biex tisraq l-ikel biex il-familja titrejjaq. Ghad li s-serq huwa

dejjem kundannabli, ir-rikorrenti ma serqitx flus jew deheb imma biss ftit ikel biex tghajjex il-familja. Biex l-hajja taghha tkompli tkun aggravata bintha hija sospettat li ghandha cancer fl'uteru. Dan barra li zewgha huwa ukoll marid b'qalbu. Il-hajja tar-rikorrenti hija wahda ta’ miserja u tribulazzjoni kbira.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-piena ta’ xaghrejn prigunerija hija harxa wisq u ghandha tigi riformata.

Illi kien ikun ahjar jekk xi hadd jitkellem ghaliha mal-bank halli r-ripagamenti mensili jigu mnaqsa halli l-familja tkun tista tghix.

Rar l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni tal-appelanta hi li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija harxa wisq. Mal-ewwel daqqa ta’ ghajn lejn is-sentenza tal-ewwel Qorti wiehed jista’ jasal biex jikkonkludi li hekk hu, specjalment meta qed nitkellmu fuq serq ta’ oggetti ta’ l-ikel tal-valur ta’ ghoxrin euro (€20).

L-ewwel Qorti ma kinitx insensittiva anzi ghamlet minn kollox biex tipprova tghin lill-appellanta.

Illi l-ewwel Qorti wara li semghet il-provi ghamlet ezercizzju estensiv biex tara ‘l ghaliex l-appellanta ghandha dan il-fascinu ghas-serq. Dan ghamlitu wara li rat il-fedina penali minn fejn jirrizulta li l-appellanta kellha xejn anqas minn hdax il-kaz ta’ serq. Illum, il-kazijiet telghu ghal tlettax. L-ewwel Qorti ma waqfitx hemm. Hatret tabib espert biex jigi konstat l-istat mentali tal-appellant u gew involuti wkoll il-Probation Services.

Illi dan kollu jixhed l-attenzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ghal problemi li kienet u qed tghaddi minnhom l-appellanti, kif imfissra fir-rikors taghha u spjegati ben tajjeb mill-abbli difensur taghha.  Din il-Qorti ma ghandha xejn aktar x'izzid mill-tfahhar l-ewwel Qorti ghal kif mexxiet il-kaz b'reqqa u attenzjoni liema bhala.

Illi dwar il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, din hi nterament fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------